A.L. 92 ta' l-2010

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2010 dwar Garanziji ta' Oriġini ta' Elettriku minn Koġenerazzjoni b'Effiċjenza Għolja u Sorsi Rinovabbli tal-Enerġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar Garanziji ta' Oriġini ta' Elettriku minn Koġenerazzjoni b'Effiċjenza Għolja u Sorsi Rinovabbli tal-Enerġija.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jistabbilixxu struttura regolatorja għall-ħruġ ta' garanziji ta' oriġini għal elettriku li jiġi prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u, jew dak li jiġi prodott minn sorsi rinovabbli tal-enerġija.

Tifsir.
A.L. 2 tal-2007.
A.L. 186 tal-2004.

2. (1) Kemm-il darba ma jkunx meħtieġ xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, t-tifsiriet stabbiliti taħt l-Att, ir-Regolamenti tal-2007 dwar il-Koġenerazzjoni u r-Regolamenti tal-2004 dwar il-Promozzjoni ta' Elettriku Ġenerat minn Għejun ta' Enerġija li Jiġġeddu għandhom japplikaw.

(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

Kap. 423.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att;

"ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini" tfisser ċertifikat li jinħareġ mill-Awtorità li jkun jiċċertifika li l-oriġini ta'

elettriku li għalih iċ-ċertifikat ikun qiegħed jinħareġ, ikun qiegħed jiġi prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, u, jew minn sorsi rinovabbli tal-enerġija. Dik it-tifsira m'għandhiex tapplika għar-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti;

"detentur ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini" tfisser il-persuna li għaliha iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini ikun inħareġ jew il-persuna lil min ikun ġie trasferit;

"dikjarazzjoni ta' dritt" tfisser dikjarazzjoni magħmula lill-Awtorità f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-elettriku li hu s-suġġett tal-applikazzjoni għal ħruġ ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini;

"koġenerazzjoni" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar il-Koġenerazzjoni;

"koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja" tfisser dik il-koġenerazzjoni ta' elettriku li tilħaq il-kriterji elenkati fit-Tielet Skeda li tinsab mar-Regolamenti tal-2007 dwar il-Koġenerazzjoni;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għar-riżorsi;

"sorsi rinovabbli tal-enerġija" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha taħt ir-Regolamenti tal-2004 dwar il-Promozzjoni ta' Elettriku Ġenerat minn Għejun ta' Enerġija li Jiġġeddu;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Setgħat tal-Awtorità.

3. L-Awtorità għandha toħroġ ċertifikati ta' garanziji ta' oriġini lil produtturi ta' l-elettriku minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u, jew sorsi rinovabbli ta' enerġija, mal-konformità tal-ħtiġijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Validità ta' applikazzjonijiet.

4. (1) Applikazzjoni għal ħruġ ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini għandu jkun ikopri perjodu minn tal-inqas ta' erba' xhur.

(2) Ebda applikazzjoni ma tista' ssir lill-Awtorità għal ħruġ ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini fir-rigward ta' elettriku li jiġi ġenerat barra minn Malta.

(3) Applikazzjoni għal ħruġ ta' certifikat ta' garanziji ta' oriġini m'għandhiex tkun ikkunsidrata valida kemm il-darba l-Awtorità ma tkunx provduta:

(a) bl-informazzjoni kollha msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(b) b'dikjarazzjoni ta' dritt li tiġi preżentata mill-applikant; u

(ċ) bi ħlas tad-dritt ta' applikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini li għandu jiġi imħallas lill-Awtorità skond ir-regolament 10 ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Dikjarazzjoni ta' dritt għandha tinkludi dan li ġej:

(a) dikjarazzjoni li l-produttur tal-elettriku jkun intitolat għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini; u

(b) dikjarazzjoni li dik il-persuna qatt ma tkun ippreżentat u ma jkollhiex l-intenzjoni li tippreżenta talba għal ħruġ ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini lil xi persuna oħra jew awtorità barra minn Malta fir-rigward tal-elettriku li jkun suġġett għall-applikazzjoni.

Determinazzjoni u għoti ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini.

5. (1) L-Awtorità għandha tavża bil-miktub, lill-applikant, permezz ta' riċevuta li tkun inħarġet fir-rigward ta' applikazzjoni valida fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tar-riċevuta ta' dik l-applikazzjoni.

(2) L-Awtorità għandha toħroġ ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini fir-rigward ta' elettriku li jkun prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u, jew minn sorsi rinovabbli tal-enerġija filwaqt li tingħata importanza lil dan li ġej:

(a) applikazzjoni li tkun rċeviet skond ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti; u

(b) meta tkun sodisfatta li l-elettriku li għalih tkun qegħda ssir l-applikazzjoni qiegħed jiġi prodott b'mod adatt

minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u, jew minn sorsi rinovabbli tal-enerġija.

(3) Ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini għandu jinħareġ lill-persuna li tkun qegħda tippreżenta l-applikazzjoni jew lil kull persuna oħra kif jista' jkun indikat fl-applikazzjoni.

(4) Iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini għandu jinħareġ biss fir-rigward tal-elettriku li għalih tkun tirreferi t-talba li dwaru tkun qegħda ssir l-applikazzjoni.

(5) Ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini li jkun inħareġ fir-rigward ta' elettriku li jkun prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u, jew minn sorsi rinovabbli ta' enerġija għandu jinħareġ fir-rigward ta' *megawatt* fis-siegħa ta' elettriku prodott u li dik il-*megawatt* fis-siegħa għandha tiġi mdawwra għall-eqreb *megawatt* fis-siegħa u m'għandux jinkludi elettriku li jkun qiegħed jiġi kunsmat direttament għall-użu personali tal-impjant meta jkun qed jipproduċi l-elettriku.

(6) Ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini:

(a) għandu jkun fih l-informazzjoni kollha elenkata fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti; u

(b) jista' jkun fih kull informazzjoni oħra relatata hekk kif l-Awtorità tista' tqis li tkun eliġibbli u adatta li tinkludi.

(7) Meta ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini jkun inħareġ skond dawn ir-regolamenti u dak iċ-ċertifikat f'ebda waqt ma jkun ġie revokat, l-Awtorità m'għandha toħroġ ebda ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini fir-rigward ta' l-elettriku li għalih ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini jkun diġà nħareġ.

Applikazzjonijiet għal sostituzzjoni ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini.

6. (1) Detentur ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini jista' jitlob lill-Awtorità permezz ta' applikazzjoni li tiġi preżentata lill-Awtorità biex tissostitwixxi ċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini jekk:

(a) id-detentur taċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini jkollu tassew għax jaħseb li ċ- ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini jkun fih informazzjoni mhux korretta; u

(b) l-applikazzjoni tkun saret lill-Awtorità bil-miktub fi żmien 21 ġurnata mid-data meta jkun inħareġ iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġin.

(2) Applikazzjoni għas-sostituzzjoni ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini eżistenti għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) dikjarazzjoni tad-dettalji taċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini li l-applikant ikollu tassew għax jaħseb li m'humiex korretti; u

(b) għotja ta' kull informazzjoni neċessarja li tkun issostni dik it-talba.

(3) L-Awtorità għandha fi żmien 40 ġurnata tax-xogħol mid-data meta tkun rċeviet l-applikazzjoni, tiddeċiedi jekk sostituzzjoni jew xort'oħra għandhiex issir fir-rigward taċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini, filwaqt li tingħata importanza lill-informazzjoni li tkun ġiet preżentata lilha f'dan ir-rigward, u meta tagħmel dan l-Awtorità għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha:

Iżda l-Awtorità tista' fejn tqis li jkun meħtieġ, tirrevoka iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini skond ir-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda wkoll f'kull każ imsemmi fis-subregolament (3) ta' dan ir-regolament, nuqqas min-naħa tal-Awtorità li tagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha m'għandux ifisser, f'kull mod ikun li jkun, li sostituzzjoni għaċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini eżistenti jew il-ħruġ ta' ċertifikat ġdid ikunu ġew mogħtija b'mod taċitu mill-Awtorità.

(4) L-Awtorità tista' testendi il-perjodu ta' 40 ġurnata tax-xogħol msemmija fis-subregolament (3) ta' dan ir-regolament għal perjodu ulterjuri ta' 40 ġurnata tax-xogħol u meta tagħmel dan l-Awtorità għandha tinforma lill-applikant bil-miktub b'dak il-perjodu li jkun estiż.

(5) Jekk l-Awtorità tiddeċiedi li toħrog sostituzzjoni għaċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini hija għandha tagħmel dan mill-aktar fis possibbli. L-Awtorità għandha tinforma lid-detentur mill-aktar fis possibbli permezz ta' avviż bil-miktub jekk hija tiddeċiedi li ma tissostitwixxix iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini.

Applikazzjonijiet għat-trasferiment ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini.

7. (1) Jekk detentur ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini ma jibqax jopera l-impjant li għalih iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini jkun jirreferi, dak id-detentur jista' jitlob lill-Awtorità biex

jittrasferrixxi ċ-ċertifikat lill-persuna li tkun topera dak l-impjant permezz ta' applikazzjoni.

(2) Applikazzjoni għat-trasferiment ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini għandha tkun valida jekk din ikun fiha dan li ġej:

(a) id-dettalji taċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini li għalih tkun qegħda ssir l-applikazzjoni għal trasferiment;

(b) id-dettalji tad-detentur eżistenti taċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini u tal-persuna li għaliha tkun qegħda ssir l-applikazzjoni għal trasferiment taċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini; u

(ċ) prova suffiċjenti tal-affarijiet imsemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament:

Iżda dik l-applikazzjoni għandu jkollha magħha d-dritt tal-applikazzjoni li jkun japplika għat-trasferiment taċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini.

(3) L-Awtorità għandha meta tirċievi applikazzjoni valida għal trasferiment ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini, temenda r-reġistru imsemmi fir-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti.

Revoka ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini.

8. (1) L-Awtorità għandha tirrevoka ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini meta:

(a) hija tiddeċiedi li ċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini ma jkunx korrett;

(b) hija tkun sodisfatta li l-informazzjoni provduta taħt ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti ma tkunx korretta f'xi ħaġa partikolari; u, jew

(ċ) hija tkun sodisfatta xort'oħra li ċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini ma kellux jinħareġ, mhux korretta, kien inħareġ lil persuna żbaljata.

(2) Meta l-Awtorità tirrevoka ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini, hija għandha, meta jkun raġonevolment prattikabbli, tinforma bil-miktub lid-detentur taċ-ċertifikat eżistenti b'dik ir-revoka.

(3) Ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini li jkun ġie revokat mill-Awtorità taħt il-paragrafu (a) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandu jiġi trattat daqs li kieku qatt ma kien inħareġ u għall-fini ta' paragrafi (b) u (ċ) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, m'għandux ikollu effett mid-data meta l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament tkun mogħtija mill-Awtorità.

Żamma ta' reġistri.

9. (1) L-Awtorità għandha żżomm reġistru, li jista' jkun f'forma elettronika, u li għandu jkun fih dan li ġej:

(a) dettalji tal-applikazzjoni li tkun ġiet riċevuta għall-ħruġ taċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini kif ukoll dettalji taċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini li jkun inħareġ mill-Awtorità, inkluża d-data meta dak iċ-ċertifikat ikun inħareġ;

(b) dettalji taċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini inklużi dettalji tat-trasferiment taċ-ċertifikat, jekk ikun hemm;

(ċ) is-sors jew sorsi ta' enerġija li minnhom l-elettriku jkun qiegħed jiġi prodott u li għalih ikun qiegħed jirreferi ċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini;

(d) it-tul ta' perjodu taċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini;

(e) il-post fejn l-elettriku li għalih ikun qiegħed jirreferi ċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini, jkun qiegħed jiġi prodott; u

(f) lista ta' dawk iċ-ċertifikati ta' garanziji ta' oriġini li jkunu ġew revokati skond ir-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti inkluża d-data meta dawk iċ-ċertifikati jkunu ġew revokati.

(2) L-Awtorità għandha, meta toħroġ ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini, talloka numru uniku ta' referenza għal kull ċertifikat li jkun inħareġ minnha.

(3) Ir-reġistru għandu jkun konklużiv f'dak li għandu x'jaqsam jekk iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini jkunx għadu jeżisti u fir-rigward tal-persuna li tkun reġistrata bħala d-detentriċi taċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini.

Drittijiet għal applikazzjonijiet.

10. (1) Dritt li ma jitħallasx lura kif stabbilit fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandu jkun imħallas lill-Awtorità mill-applikant flimkien mal-applikazzjoni tiegħu għall-ħruġ ta', sostituzzjoni jew trasferiment taċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini.

(2) L-Awtorità m'għandhiex tkun meħtieġa li tipproċessa applikazzjoni għall-ħruġ ta', sostituzzjoni jew trasferiment taċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini kemm-il darba d-dritt għall-applikazzjoni li jkun japplika f'dawn ir-rigward ma jkunx ġie mħallas.

L-EWWEL SKEDA

Regolament 4 (3)

Informazzjoni li għandha tiġi preżentata ma' applikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini:-

1. L-isem u l-indirizz, u jekk kumpannija, in-numru ta' reġistrazzjoni, tal-persuna li għaliha jkun inħareġ iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini.

2. Meta l-persuna li tkun iffirmat id-dikjarazzjoni ta' dritt meħtieġa taħt ir-regolament 4 (4) ma tkunx l-istess persuna li tkun għamlet it-talba, l-isem u l-indirizz tal-persuna li tkun iffirmat id-dikjarazzjoni.

3. Jekk il-persuna li tkun talbet il-ħruġ ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini tkunx il-produttriċi ta' elettriku li għalih iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini jkun qiegħed jiġi mitlub, u jekk le, l-isem u l-indirizz, u jekk kumpannija, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-produttur.

4. Il-bidu u l-għeluq tal-perjodu li jkun kopert miċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini li għalih tkun qegħda ssir applikazzjoni.

5. Il-post fejn l-elettriku, li għalih iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini jkun qiegħed jiġi mitlub, ikun qiegħed jiġi prodott u l-isem, jekk ikollu, tal-impjant li jkun jiġġenera u, jew jipproduċi l-elettriku.

6. Il-kwantità ta' elettriku li għalih iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini jkun qiegħed jiġi mitlub, flimkien mal-kwantità totali ta' elettriku li jkun qiegħed jiġi prodott mill-impjant matul il-perjodu li jkun kopert mill-applikazzjoni.

7. Meta elettriku li għalih applikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini tkun qegħda tiġi preżentata, ikun ġie prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja:

(a) l-informazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-impjant skond it-Tieni u t-Tielet Skeda li jinsabu mar-Regolamenti tal-2007 dwar il-Koġenerazzjoni;

(b) is-sors primarju ta' karburanti li minnhom l-elettriku jkun qiegħed jiġi prodott;

(ċ) is-sħana skond il-proporzjon ta' enerġija instantanja tal-impjant; u

(d) l-ammont ta' sħana utili li tkun qegħda tintuża matul il-perjodu li għalih tkun qegħda tiġi preżentata l-applikazzjoni.

8. Meta elettriku li għalih applikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini tkun qegħda tiġi preżentata, jkun ġie prodott minn sorsi rinovabbli ta' enerġija:

(a) is-sors jew sorsi ta' enerġija ta' elettriku li jkun qiegħed jiġi prodott; u

(b) il-kapaċitajiet netti tal-installazzjoni li jkunu dikjarati, f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull sors ta' enerġija ta' elettriku li jkun qiegħed jiġi prodott.

9. Dik l-informazzjoni ulterjuri li l-Awtorità tista', f'ċirkostanzi partikolari, tkun b'mod raġonevoli teħtieġ:

(a) bil-għan li tiżgura l-eżattezza tal-informazzjoni meħtieġa taħt il-partiti 1 sa 8 ta' din l-Iskeda; jew

(b) biex tippermetti lill-Awtorità li tkun sodisfatta li kull elettriku jkun qed jiġi prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja jew minn sorsi rinovabbli ta' enerġija.

IT-TIENI SKEDA

Regolament 5(6)

Informazzjoni li għandu jkun hemm f'ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini:-

1. L-isem u l-indirizz, u jekk kumpannija, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-persuna li għaliha ċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini jkun inħareġ.

2. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini.

3. In-numru ta' referenza mogħti liċ-ċertifikat li jinħareġ mill-Awtorità.

4. Il-bidu u l-għeluq tal-perjodu li jkun japplika għaċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini.

5. Il-post fejn l-elettriku li għalih iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini jkun qed jiġi mitlub, ikun qed jiġi prodott u l-isem, jekk ikollu, tal-impjant.

6. Il-kwantità totali ta' elettriku li jkun ġenerat matul il-perjodu li jkun japplika għaċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini.

7. Is-sors jew sorsi tal-enerġija tal-elettriku li jkun qed jiġi prodott.

8. Il-kapaċitajiet netti tal-installazzjoni li jkunu dikjarati f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull sors ta' enerġija tal-elettriku li jkun qed jiġi prodott.

9. Fil-każ ta' elettriku li jkun prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja:

(a) l-inqas valur kalorifiku tas-sors ta' karburant li l-elettriku kien prodott minnu;

(b) l-użu ta' sħana li tkun ġenerata flimkien mal-elettriku li jkun prodott matul il-perjodu li għalih ċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini jkun inħareġ;

(ċ) il-kwantità ta' elettriku minn koġenenerazzjoni b'effiċjenza għolja li tiġi kalkulata skond it-Tieni Skeda li tinsab mar-Regolamenti tal-2007 dwar il-Koġenerazzjoni;

(d) l-iffrankar primarju ta' enerġija skond it-Tielet Skeda (b) li tinsab mar-Regolamenti tal-2007 dwar il-Koġenerazzjoni;

(e) il-kwantità ta' karburant li minnu l-elettriku kien ġie prodott;

(f) l-ammont ta' sħana li tiġi utilizzata matul il-perjodu li għalih iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini ikun jirreferi;

(g) l-effiċjenza ta' enerġija instantanja li tkun ġiet akkwistata;

(h) l-effiċjenza globali li tkun ġiet akkwistata;

(i) il-kwantità totali ta' elettriku li jkun qed jiġi ġenerat matul il-perjodu li għalih iċ-ċertifikat ta' garanziji ta' oriġini jkun qiegħed jirreferi.

IT-TIELET SKEDA

Regolament 10

Dritt għal applikazzjoni li għandu jiġi mħallas fir-rigward ta':

Applikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' garanziji ta' oriġini:

Id-dritt għal applikazzjoni li jkun japplika għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' garanziji ta' oriġini hu ta' €175;

Applikazzjoni għal sostituzzjoni ta' ċertifikati ta' garanziji ta' oriġini:

Id-dritt għal applikazzjoni li jkun japplika għal sostituzzjoni ta' ċertifikati ta' garanziji ta' oriġini meta is-sostituzzjoni tkun meħtieġa minħabba nuqqas min-naħa ta' l-applikant hu ta' €85;

Applikazzjoni għat-trasferiment ta' ċertifikati ta' garanziji ta' oriġini:

Id-dritt għal applikazzjoni li jkun japplika għat-trasferiment ta' ċertifikati ta' garanziji ta' oriġini hu ta' €25.